# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 17 ta' Majju 2022

Pulizija

( AC Denis Theuma)

Vs

Jesmond Aquilina

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Aquilina ta' 32 sena imwieled Il-Pieta' iben Joseph u Jane nee Decelis u li joqghod 18 Windmil Street Bormla ID 109071 M akkuzat talli;

1) fis-17 ta' April 1998 b'diversi atti maghmulin f'zminijiet differenti , li jiksru l-istess dispozizjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizolizzjoni wahda matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li

jipprokura id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta` l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall usu ta` persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fill-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-impiortazzjoni jew ghall-esportatazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) kif ukoll talli f'istess data zmien hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin f'zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl- ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni id-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jopprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-usu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti isemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta'l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' L-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga kienet fil pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juri li ma kienx ghall-uzu personali tieghu;

3) Ukoll talli fit-18 ta' April 1998 u l-granet ta' qabel din id-data kellek fil pussess tieghek medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif immis b'ksur tar-regolameti 5(1) tal-avviz legali 22 ta' 1985 kif sussegwentement emendata u 35B u 89A u t-tielet skeda ta' l-ordinanza tal-professjoni medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V ta' 1985 kif emendat;
4) Kif ukoll talli fl-istess data hin zmien u cirkostanzi ikkonsenja medicina specifikata u psikotropika lill xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienux xorta ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fill-pussess tieghu bi ksur ta' regolamenti 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-tielet skeda tal-ordinanza dwar il-Professjoni medika u l-professjonijiet li ghanhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-att V tal-1985 kif emendat;
5) Ukoll talli bejn il 15 u 18 ta' April 1998 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti , li jiksru l-istess dispozizjoni tal-Ligi u li gew maghmuli b'rizoluzzjoni wahda falsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu falsifikati u cioe` liri Maltin u dan bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Ukoll talli fl-istess data zmien hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmula f'zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizjonijet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew irciva minn ghand xi persuni jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li j kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u cioe` liri Maltin skond l-artikolu 46 tal-kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

7) U talli sar recediv fit-terminu ta’ arti 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appel ta’ 17 ta’ Gunju 1993 u 18 tta’ Gunju 1993 u 23 ta’ Ottubru 1993 lima sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsm,u mal-hatra ta’ l-esperi skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fis-17 ta’ Mejju 2022 gie ezebit certifikat tal-mewt tal-imputat DOK A.

**Decide**

Illi stante l-mewt tal-imputat il-procediment jigi dikjarat ezawrit.

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**